MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 779/2013

Navicom **Marine Limited (C-46232)**

**Vs**

**Charles Polidano (K.I. 506259M) f'ismu proprju u kif ezercitanti l-kummerċ bl-isem ta' Emarine Worldwide Dredging Services u Emarine Ltd (C-38766)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremmettiet illi l-intimati huma debituri tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' disa' mija u ghoxrin ewro u erbghin centezmu (€920.40), rapprezentanti l-prezz ta' servizzi rezi lill-imsemmija intimati fuq inkarigu taghom stess (kopja tal-fattura relattiva annessa u mmarkata bhala Dok A); illi nonostante diversi interpellazzjonijiet sabiex ihallsu dak minnhom dovut skont kif hawn indikat, anke permezz ta' ittra ufficjali 166A (numru 2332/13 annessa u mmarkata bhala Dok B), l-intimati baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza; illi t-Tribunal qieghed ghar-ragunijiet premessi bir-rispett jintalab jordna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u ghoxrin ewro u erbghin centezmu (€920.40), hekk kif dovuta lill-istess socjeta' attrici skont kif hawn spjegat; bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv, u nkluz bl-ispejjez tal-ittra ufficjali 166A (numru 2332/13) datata l-1 t'Ottubru 2013.

Ra mill-atti li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta ghalkemm debitament notifikati u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie pprezentat kapitolu fil-15 ta’ Jannar, 2014 mill-Avukat Victoria Cuschieri u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuti naqsu milli jipprovaw il-kaz taghhom quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ disa’ mija u ghoxrin ewro u erbghin centezmu (€920.40) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------